# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Każ numru 490/2021 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Joseph Buttigieg**

**Illum, 13 ta' Frar 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjoni imressqa kontra Joseph Buttigieg ta' 56 sena, iben Anġlu u Pauline nee' Cassar, imwieled Għajnsielem, Għawdex fit-13 ta' Awwissu 1964, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 32964(G), li permezz tagħha ġie akkużat talli:

*F'dawn il-Gżejjer, nhar l-1 ta' Ġunju 2021, għall-ħabta ta' bejn 13.45hrs u 14.00hrs, fil-port tal-Mġarr, Għawdex, limiti ta' Għajnsielem, Għawdex u/jew fil-viċinanzi, permezz ta' bastiment bl-isem 'Bella 1' bin-numru ta' registrazzjoni S 21103*

1. *Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' bastiment bl-isem 'Vitamin Sea Gozo', liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) iżda huwa aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250), u dan għad-dannu ta' Mark Borg u/jew persuni/entitajiet oħrajn,* ***u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

2. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bħala sid jew kaptan ta' bastiment kummerċjali, ikkaġuna jew ippermetta l-imsemmi bastiment jitħaddem b'mod ta' periklu għall-ħajja tan-nies jew tal-propjeta' tal-oħrajn jew li jista' jagħmel ħsara lill-ambjent tal-baħar,* ***u dan bi ksur tar-regolament 43(1) tal-L.S. 499.23 tal-Liġijiet ta' Malta.***

3. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostażi, ħaddem l-imsemmi bastiment b'veloċita' għolja jew meta kien fi stat ta' sokor, jew bi tħaddim mhux kif imiss, jew b'aġir deliberat u mhux xieraq biex jagħmel il-ħsara lill-propjeta' ta' xi persuna oħra,* ***u dan bi ksur tar-regolament 43(2) tal-L.S. 499.23 tal-Liġijiet ta' Malta.***

4. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, bħala kaptan tal-imsemmi bastiment, anke jekk seta' b'mod konvenjenti, naqas li jħalli bstiment ieħor jgħaddi u naqas li jevita li jfixkel l-operatur ta' xi bastiment ieħor,* ***u dan bi ksur tar-regolament 44 tal-L.S. 499.23 tal-Liġijiet ta' Malta.***

5. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, u fil-ġranet ta' wara bħala s-sid jew il-kaptan ta' bastiment involut f'inċident jejn ikun hemm min weġġa' jew tilef ħajtu abbord il-bastiment jew x'imkien ieħor, jew f'kolliżjoni ma' bastiment ieħor jew ma' propjeta oħra bi ħsara jew telf għall-bastiment l-ieħor, jew bi ħsara għall-ambjent tal-baħar jew lill-propjeta' oħra naqas mill-ewwel jagħti rapport verbali ta' dan l-inċident lill-Awtorita', u naqas fi żmien erbgħa u għoxrin seigħa mill-inċident jagħti rapport bil-miktub lill-Awtorita bid-dettali kollha li huwa jista' jitlob, u* ***dan bi ksur tar-regolament 56(1) tal-L.S. 499.23 tal-Liġijiet ta' Malta.***

6. *U aktar talli fl-istess data, lok u ħin u ċirkostanżi insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Franklin Delia bi ksur Art 339(1)(e) Kap 9.*

***Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża, jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-pena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus,u dan ai termini tal-artikolu 383 et seq. Tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

***Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra Joseph Buttigieg fil-konfront ta' Adrian Borg, ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali***

***Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija tordna li s-sid tal-bastiment, l-akkużat Joseph Buttigieg iħallas dik is-somma li l-Qorti jkun jidhrilha li tkun ta' kumpens raġonevoli għal dik il-ħsara u dan ai termini tar-regolament 43(3) tal-L.S. 499.23 tal-Liġijiet ta' Malta.***

***Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija tordna lill-akkużat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Liġijiet ta' Malta.***

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Rat** id-dokumenti esibiti;

**Semgħet** il-provi prodotti;

**Rat** li l-imputat ħallas lil parte civile is-somma ta' €1,050 mingħajr preġudizzju għal kull dritt ta' rivalsa li għandu vis-a-vis l-assigurazzjoni tiegħu u mingħajr l-ebda ammissjoni ta' ħtija;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Din il-qorti rat u fliet l-inkartament kollu ta' dan il-proċess.

In riassunt ix-xhieda mismugħa kienet is-segwenti:

Fl-affidavit tiegħu PS 664 Jason Xerri xehed illi fl-1 ta' Ġunju 2021 għall-ħabta tas-14.30 hrs il-pulizija ġew informati li kien hemm argument bejn xi dgħajjes fil-port tal-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex. Il-pulizija marru fuq il-post fejn PS 664 Jason Xerri kellem lil Adrian Borg li dan stqarr li kien marbut mad-dgħajsa ta' Franklin Delia fejn it-terminal, u kien hemm Joseph Buttigieg bid-dgħajsa 'Bella 1' ta' Kemmuna u saq għal fuqu tliet darbiet, billi beda jirriversja u jerġa' 'l quddem għal tliet darbiet. Adrian Borg stqarr li waqt li kien jirriversja, u jkun ser jaħbat ġo fih kien qiegħed kull darba jipprova jilqa' d-dingi biex ma jaħbatx ġo fih. Adrian Borg stqarr li hu beda jgħajjat, iżda Buttigieg xorta baqa' jsuq għal ġo fih. Adrian Borg wera lill-pulizija l-ħsara li ġarrab id-dingi li jismu 'Vitamin Sea Gozo' li jappartjieni lil ħuh Mark Borg liema ħsara kienet tikkonsisti billi l-fender inqala' minn mat-tubu u ħsara (daqqa) fil-mutur outboard fuq wara n-naħa tax-xellug. Adrian Borg stqarr mal-pulizija li fuq il-post kien hemm ukoll xhieda fosthom Franklin Delia sid id-dgħajsa MFC6827 li kien marbut miegħu u erba' membri tal-AFM li kienu preżenti fuq il-post waqt li kien qiegħed jiġri l-inċident. Dawn ġew mitkellma u taw il-verżjoni tax-xhieda tagħhom.

PS 664 kompla jistqarr li dak il-ħin Joseph Buttigieg ma kienx qiegħed il-port tal-Imġarr, iżda kien bit-turisti Kemmuna, iżda wara ftit daħal fil-port u ġie arrestat u eskortat lejn l-Għassa tar-Rabat. Joseph Buttiegieg stqarr illi kien għadu kemm ġie minn Kemmuna għall-ħabta tas-13.40hrs u kien hemm id-dingi ta' Adrian u kien qallu biex ma jorbotx hemm, u ċjoè quddiem it-terminal, peress li hu l-ħin kollu dieħel u ħiereġ kull siegħa u ma jkunx jista jidħol u joħrog sewwa bih. Qal li Buttigieg qallu li dan xorta ma neħħihx u qallu li kien ser jorbot id-dingi hemm hekk. Buttigieg kompla jgħid li hu kellu żewġ turisti fis-14.00hrs fid-dgħajsa tiegħu Bella 1 Comino ferries, u ried joħroġ biex imur lejn Kemmuna bin-nies. Għalhekk, reġa' qallu biex iwarrab biex ikun jista' joħroġ sewwa, iżda sid id-dingi ma neħħihx u kien qiegħed ġod-dingi.

PS 664 kompla jirraporta li Joseph Buttigieg stqarr li hu qabad waħda 'l quddiem biex jipprova jimmaniġġja d-dgħajsa, biex joħroġ u reġa' ġie lura, u ma ħariġx u reġa qadef 'il quddiem, u xorta ma setax joħroġ u reġa' qadef it-tielet waħda, u mbagħad ħarġet id-dgħajsa. Skont PS 664, Buttigieg stqarr li laqat b'wara b'inċident, u li hu ma rax ħsara u lanqas Adrian ma qallu li kellu ħsara fid-dingi tiegħu, għax kieku kien jieqaf jara x'hemm. Sostna ma' PS 664 li hu baqa' sejjer lejn Kemmuna fuq il-linja tiegħu. PS 664 kompla jgħid li Buttigieg stqarr ukoll li xħin ġara l-aċċident id-dingi ta' Adrian Borg kien fuq ġewwa mal-moll, u d-dgħajsa tal-Malti, ċjoè ta' Delia kienet marbuta miegħu. Rigward li offenda lil Franklin Delia, Buttigieg stqarr li hu kien wissieh biex ineħħi d-dgħajsa li kienet

'il barra mid-dingi fejn dan il-Malti beda joffendih b'missieru l-mejjet, u Buttigieg stqarr li xħin offendieh b'missieru il-mejjet hu qallu li huwa pufta. Kompla jgħid li Joseph Buttigieg stqarr li huwa kien avża lil ta' Transport Malta tal-Imġarr, Għawdex fis-13:43hrs u fis-14.08hrs kif ukoll kien avża lil ċertu Raymond tal-Marina fis-14:12hrs u qalilhom li hu ma setax jidħol u joħroġ mill-port tal-Imġarr.

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, Joseph Buttigieg xehed illi waqt illi kien dieħel il-port tal-Imġarr hu sab id-dingi ta' Adrian Borg marbut ma' dgħajjes oħrajn u talbu bil-kelma t-tajba biex ineħħi d-dingi minn hemm. Sostna li huwa kien ċempel lil Transport Malta, għaliex Borg ma rridx ineħħi d-dingi minn hemm. Dwar il-manuvri li għamel, Buttigieg sostna s-segwenti:

"*U aħna biex noħorġu bħalma għedtlek, l-ewwel trid taqdef waħda biex qisek taqlgħalha sorma d-dgħajsa għax,...m'inix miġnun. U jien ġejt lura u lqatt id-dinghy ta' dan u dgħajsa biex twaqqaf m'għandekx brejkijiet inti....iss kelli nerġa' naqdef waħda 'l quddiem biex inwaqqaf qiesni d-dgħajsa u erġajt pruvajt noħroġ lura u kien hemm naqra r-riħ u, imma jine kulma ħbatt mal-lastku jiġifieri.*"

Buttigieg ammetta li ħabat mad-dingi u li mill-ewwel ammetta li kien tort tiegħu. Sostna li huwa rraporta ma' Transport Malta dwar id-dingi, iżda ħadd mill-uffiċjali ta' Transport Malta ma ġew.

L-Ispettur Josef Gauci xehed illi huwa ġie informat minn PS 664 Jason Xerri li kien għadu kif seħħ inċident fuq il-baħar ġewwa l-port tal-Imġarr, Għawdex fejn kienu involuti ċerti Franklin Delia, Joseph Buttigieg u Adrian Borg. Qal li huwa ġie infurmat li għal xi raġuni Joseph Buttigieg kien qed isuq id-dgħajsa tiegħu bin-nies miegħu, u ħabat ġod-dgħajsa li kien qed isuq Adrian Borg. Illi PS 664 informah ukoll li kellu allegazzjonijiet li Joseph Buttigieg kien daħal apposta ġod-dgħajsa li kien qed isuq Adrian Borg għal madwar tliet (3) darbiet u kellu xi ħsarat.

Rudolph Muscat għal Transport Malta xehed illi Transport Malta ma rċeviet ebda rapport tal-inċident mis-Sur Buttigieg, u li ebda azzjoni ma ttieħdet fil-konfront tiegħu, peress illi minn informazzjoni preliminari, is-Sur Buttigieg laqat il-bastiment l-ieħor bl-intenzjoni biex jikkaġuna danni. Għalhekk, skont ix-xhud ma ttiħditx azzjoni mill-Awtorità tat-trasport, biex ma tkunx ta' preġudizzju għall-azzjoni kriminali pendenti.

Franklin Delia xehed illi fl-1 ta' Ġunju 2021, hu kien jinsab il-port tax-Xatt, Għajnsielem, Għawdex, peress li hu ried jagħti l-fuel lid-dgħajsa tiegħu u biex ma joqgħodx idur fin-nofs beda jżomm ma' dingi li fuqu kien hemm Adrian Borg. Sostna li mbaghad kien hemm persuna li offendieh, u ordnalu biex isuq. Sostna li din il-persuna kienet irrabjata. Sostna li dan ir-ragel imbagħad irriversja għal fuq id-dingi l-ieħor darbtejn, u mbagħad baqa' ħiereġ. Dan sostna li s-sewwieq tad-dgħajsa kellu minn fejn jgħaddi, iżda ħabat mad-dingi darbtejn qabel ma saq.

Mark Borg ikkonferma li d-dingi involut f'dan l-inċident reġistrat fuq ismu. Spjega li huwa ma kienx preżenti meta seħħ l-inċident. Ikkonferma li d-dingi ġiet ikkaġunata ħsarat.

Godwin Cefai, Bombardier mal-Forzi Armati ta' Malta xehed illi huwa ra lil Joseph Buttigieg isuq bil-lanċa tiegħu b'mod traskurat, peress li rah ħiereġ bis-

saħħa minn mal-moll bil-konsegwenza li laqat darbtejn lil Adrian Borg. Skont l-istess xhud, Adrian Borg kien qiegħed fil-periklu dak il-ħin u seta' weġġħu. Xehed ukoll illi Joseph Buttigieg kien qiegħed jirriversja bis-saħħa.

Jonathan Mizzi, l-espert maħtur minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, ippreżenta r-rapport tiegħu li fiha kkonkluda li mill-filmat elevat jidher li l-bastiment bl-isem Bella 1 ħabat darbtejn mad-dingi li kien hemm irmiġġat magenb bastiment ieħor.

Joseph Theuma, bugħaddas mal-Forzi Armati ta' Malta, xehed illi nqala' argument bejn Joseph Buttigieg u Adrian Borg. Sostna li Borg kellu dingi li kien qiegħed jistenna biex jagħti l-petrol biex jidħol minfloku. Sostna li f'daqqa waħda ra lil Joseph Buttigieg isuq id-dgħajsa, u xħin beda jmur lura bid-dgħajsa baqa' dieħel ġos-Sur Adrian Borg. Dan ikkonferma l-preżenza ta' bastiment ieħor li skont hu kien qed jimblokka l-passaġġ biex l-akkużat ikun jista' jaqla' minn mal-moll.

Mario Demanuele spjega li dakinhar tal-inċident, huwa kien qed jiffilmja l-ftuħ tal-Fast Ferry fl-Imġarr, Għawdex. Spjega li huwa kien għadda l-filmat lill-pulizija. Sostna li l-filmat ittieħed bid-drone.

Mario Muscat, bil-ġurament tiegħu kkonferma l-istima li hu għamel biex issir it-tiswija fuq id-dingi ta' Mark Borg, kif ukoll ikkonferma li x-xogħol fuq l-istess dingi sar.

Christopher Scott xehed illi kien qiegħed jagħti l-fuel lid-dgħajsa tal-Armata mill-pompa tal-petrol meta qam argument bejn l-akkużat u dingi. Sostna li f' dan l-argument, dgħajsa minnhom irriversjat fuq id-dingi. Spjega li s-sewwieq tad-dgħajsa saħnitlu rasu u sema' dagħa u kliem ħażin. Ra wkoll tixjir ta' jdejn. Sostna li hu ra li l-imputat li kien qed isuq id-dgħajsa jsuq b' lura għal darbtejn jew erba' darbiet. Sostna li dan beda jagħti lura u 'l quddiem, jerġa' lura u 'l quddiem, jerġa' lura u 'l quddiem. Qal li saret din il-manuvra peress li ma kienx hemm fejn iddawwar.

Armando Zammit ikkonferma li fl-ewwel ta' Ġunju 2021 kien hemm kolliżjoni bejn id-dgħajsa misjuqa mill-akkużat Joseph Buttigieg, u d-dingi li fuqu kien hemm Adrian Borg, u li qabel il-kolliżjoni kien hemm argument bejn Joseph Buttigieg u oħrajn.

Adrian Borg, xehed illi hu kien marbut ma' żewġ dgħajjes oħra li kienu fejn il-pompa tal-petrol u waqt li kien qed jistenna, daħal Joseph Buttigieg minn Kemmuna bit-turisti fuq il-loading bay tiegħu biex iħott lill-passiġġieri. Spjega li dawn niżlu mingħajr l-ebda problemi. Qal li mbagħad ġie Franklin li talbu biex jorbot miegħu, iżda Joseph Buttigieg minn fuq il-moll beda jgħajjat ma'dan Franklin biex jersaq minn hemm, u biex jagħmillu l-wisa' għax daqt kien ħa jkollu joħroġ bit-turisti. Spjega li Franklin kien irrispondieh li kien ser iressaqlu meta jkun ħiereġ. Spjega li dawn ma qablux bejniethom u ftit wara Joseph Buttigieg qisu kien irvellat, imsaħħan wara dan l-argument. Qal li kien sar l-ħin biex joħroġ minn fuq il-post tiegħu flimkien mat-turisti biex imorru lejn Kemmuna, u flok saq bil-galbu biex joħroġ minn fuq il-post dan irranka d-dgħajsa tiegħu. Spjega li fl-argument huwa ma kienx indaħal. Sostna li bħalma d-dgħajsa ta' Buttigieg setgħet tidħol bid-dingi tiegħu, setgħet ukoll toħroġ. Spjega li Franklin xħin ra l-aġir ta' Buttigieg saq id-dgħajsa tiegħu. Borg kompla jgħid li Joseph Buttigieg

beda jmur 'il quddiem u b'saħna jirranka għal ġo dingi tiegħu. Qal li Buttigieg irriversa darbtejn fuq id-dingi.

Dr Larry Formosa xehed li huwa kien assista lill-imputat meta dan ġie arrestat. Qal li l-imputat dejjem sostna li dan l-inċident seħħ bi żball. Sostna li huwa kien ikkorrisponda mal-Ispettur Josef Gauci biex jiġi mgħoddi l-irċevuti tal-ħsara. Sostna li sakemm kien involut hu, ma kinitx għadha saret claim mill-imputat.

Anthony Caruana in rappreżentanza ta' Transport Malta spjega li ċempillu Joe Buttigieg, u infurmah li kien hemm dgħajsa li ma setax joħroġ biha. Spjega li huwa kien qiegħed mal-Fast Ferry u ma setax jinqala' minn fejn kien. Spjega li huwa kien qallu biex jekk isib xi uffiċjal ieħor, jitlob l-assistenza tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, mill-provi prodotti u mill-filmati esibiti, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull imputazzjoni li l-imputat volontarjament ħabat mal-bastiment bl-isem 'Vitamin Sea Gozo'. Ġie wkoll ippruvat il-kwantum tal-ħsara, liema ħsara ġiet tammonta għal elf u ħamsin ewro (€1,050). L-akkużat seta' rriversja lura sakemm ħareġ 'il barra mill-bastimenti marbutin maġenb xulxin fuq in-naħa tal-lemin fejn kienet marbuta il-lanċa Bella 1. Minflok, hu kiser bir-reverse għal fuq il-bastimenti, laqat id-dingi Vitamin Sea Gozo, reġa' mexa 'l quddiem, reġa' rriversja lura fuq l-istess dingi, u mbagħad dawwar il-lanċa tiegħu biex seta' joħroġ bil-quddiem mill-port. Għalkemm irriżulta li l-argument li qam ma kienx mas-sewwieq tad-dingi, l-imputat kien urtat u rrabjat tant li ammetta li kien anke ċċempel lil Transport Malta sabiex jibagħtu l-assistenza. Xħin ra li ħadd ma gie jassistih huwa għazel li jagħmel din il-manuvra azzardata tiegħu u jaħbat ghal darbtjen ma' dingi biex bħallikieku ser jagħti lezzjoni lil dawk preżenti li jekk ma tgħaddix tiegħu, huwa jirritalja. Mix-xhieda ta' Adrian Borg, irriżulta li waqt illi l-akkużat kien qiegħed jaħbat mad-dingi tiegħu qallu li jrid jifqagħhulu. Ix-xhieda okulari, wħud minnhom uffiċjali mal-AFM, kollha xehdu illi l-akkużat aġixxa bir-rabja meta ħareg b'dak il-mod minn mal-moll. Addirittura Franklin Delia xehed illi Joseph Buttigieg kien tant jidher irrabjat, li xhin hu rah ħiereġ minn mal-moll, saq biex iwarrab minn fejn kien biex jevitah.

Id-difiża dejjem sostniet li l-ħsara kienet waħda involontarja, iżda din il-Qorti ma taqbilx. Iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fejn għandek l-imputat jirreaġixxi b'dan il-mod aggressiv, jaħbat addirittura mhux darba, iżda darbtejn ma' dingi u jibqa' sejjer lejn Kemmuna nonostante li Adrian Borg kien qed jgħajjat u jipprova jwaqqfu, huma ċari li l-aġir kien wieħed intenzjonat u li l-ħsara ġiet ikkaġunata b'mod volontarju. Lanqas ma tista' d-difiża targumenta li r-reazzjoni tal-imputat ma kinitx ħlief il-frott tal-aġir provokatorju min-naħa tal-parte civile. Din il-Qorti tqis dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Vella fejn intqal li l-artikolu 325 (ħsara volontarja) jagħmilha ċara li meta tiġi biex titqies l-iskuża tal-provokazzjoni, għandha titħares ir-regola msemmija fl-artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali, u ċjoè li l-provokazzjoni ma tiswiex lill-ħati meta din ma tkunx saret fil-waqt tal-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża. Fi kliem ieħor il-provakazzjoni u l-azzjoni ta' ħsara volontarja jridu jseħħu fl-istess waqt. Imbagħad fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fit-3 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs Sandra (Alexandra) Balzan intqal:

*"Illi d-difiża tikkontendi illi r-reazzjoni ta'l-imputata ma kenitx hlief il-frott ta'l-agir provokatorju min-naha ta'limputat. Illi l-element tal-provokazzjoni huwa inkwadrat filproviso ghall-artikolu 325 li jitkellem dwar il-hsara volontarja, fejn jinghad : "Iżda meta d-delitt ikun skużabbli minhabba provokazzjoni ingusta, il-hati jehel, fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (c), il-piena ta' prigunerija ghal żmien mhux iżjed minn żewg terzi talpiena imsemmija; u fil-każ imsemmi fil-paragrafu (d) ilpiena tal-kontravenzzjonijiet. … Meta tigi biex titqies liskuża ghandha tithares ir-regola fl-artikolu 235."*

*Illi f'sentenża moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali flismijiet Il-Pulizija vs Anthony Agius (deciża 05.03.1993)inghad is-segwenti:*

*"... Dana ifisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk matkunx saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuża. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni. Filfehma tal-Qorti, il-provokazzjoni (ingusta) li ghaliha jirreferi l-artikolu 325, mhux limitata jew arginata b'xi kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 u 230 talKodici Kriminali. L-uniku kriterju li l-legislatur ghażel li jittrasporta mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu dak gia imsemmi ta'l-artikolu 235." Il-gurista Francesco Antolisei, in konnessjoni ma'l-attenuanti generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciż ta'lartiklu 62 tal-Kodici Penali Taljana jghid hekk:*

*La situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l'attenuante dovra ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionato al fatto ingiusto. (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).*

*Illi ghalhekk hemm żewg elementi li isawru dana liskużanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fittieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuża."*

Illi mill-provi akkwiżiti jirriżulta r-reazzjoni tal-imputat kienet waħda sproporzjonata u esaġerata għal dak kollu li kien qed iseħħ, iktar u iktar meta l-argument kien inqala' ma' persuna oħra, u mhux mal-parte civile. Tenut kont ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha, din il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din ukoll irriżultat ippruvata. Irriżulta li din il-manuvra kien ta' periklu għall-proprjetà ta' terzi tant li kkaġunat ħsarat fl-istess dingi, u mix-xhieda li ngħatat, u anke minn dak li rat il-Qorti fil-filmati esibiti, kien hemm anke periklu għall-ħajja tan-nies.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni, ma rriżultax illi Joseph Buttigieg kien qiegħed iħaddem lill-bastiment b'veloċità għolja, jew li kien fi stat ta' sokor. Però rriżulta illi Joseph Buttigieg kien irrabjat, u aġixxa b'mod deliberat, u mhux xieraq biex jagħmel ħsara lill-propjetà ta' persuni oħra. Huwa ħaddem id-dgħajsa tiegħu bi tħaddim mhux kif imiss, u per konsegwenza anke din it-tielet imputazzjoni ġiet ippruvata.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din ma tirriżultax. L-aġir tal-akkużat bl-ebda mod ma impedixxa xi bastiment ieħor milli jgħaddi, u kif ukoll lanqas ma evita li jfixkel l-operatur ta' xi bastiment ieħor.

Dwar il-ħames imputazzjoni, jirriżulta illi l-imputat naqas li jagħti rapport verbali ta' dan l-inċident lill-Awtorità kif ukoll naqas li jagħti rapport bil-miktub lill-Awtorità bid-dettalji kollha. Irriżulta li l-imputat kien ċempel għall-assistenza daparti tal-Awtorità tat-Trasport qabel ma seħħ l-inċident, iżda mbagħad baqa' qatt ma ta rapport verbali b'mod immedjat hekk kif titlob il-leġiżlazzjoni sussidjarja 499.23. Infatti, mix-xhieda mogħtija minn Anthony Caruana, l-imputat kien qallu x'ġara b'mod verbali l-għada jew jiem wara l-akkadut. Inoltre, mix-xhieda mogħtija minn Rudolph Muscat, jirriżulta illi l-akkużat qatt ma ssottometta rapport bil-miktub, għalkemm kien obbligat li jagħmel dan fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa.

Dwar is-sitt imputazzjoni, għalkemm irriżulta fuq ammissjoni tiegħu stess, li huwa għajjar lil Franklin Delia 'pufta', din il-Qorti tqis li fl-atti proċesswali ma ġietx esibita l-ewwel riferta ta' notifika tal-imputat. Peress li l-imputat deher quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar il-5 ta' Novembru 2021, it-terminu ta' tliet xhur preskrizzjoni kien laħaq iddekorra. Għalhekk is-sitt imputazzjoni hija preskritta.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas ta' kumpens raġjonevoli, irriżulta li fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża, l-imputat ħallas lill-parte civile l-ammont li sofra bħala ħsarat u għaldaqstant, din il-Qorti mhijiex ser tordna xi ħlas ulterjuri. Dwar l-ispejjeż inkorsi mal-ħatra tal-esperti fil-kors ta' din il-kawża, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tordna lill-imputat iħallas tali spejjeż li jammontaw għal €271.82ċ (spejjeż tal-ewwel rapport ta' Jonathan Mizzi) u €88.62ċ (spejjeż tat-tieni rapport ta' Jonathan Mizzi).

## DECIDE

**Għal dawn ir-raġunijiet, din l-Onorabbli Qorti, wara li rat l-Artikoli 325(1)(b) tal-Kap 9, ir-regolament 43(1) u (2) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.23, ir-regolament 44 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.23, ir-regolament 56(1) tal-Leġiżlazzjoni sussidjarja 499.23 u r-regolament 66(1) tal-Leġiżlazzjoni sussidjarja 499.23 qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt imputazzjoni stante li hija preskritta; mhux qed issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni, filwaqt li qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah għal tmien xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal żmien sena; u qed issib lill-imputat ħati tat-tieni, it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet u tikkundannah għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' ħamest elef ewro (€5,000).**

**Inoltre wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' elf ewro (€1,000) biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża — Adrian Borg, u qed tordna lill-istess ħati biex iżomm il-kwiet u l-bon ordni ma' Adrian Borg għal żmien sena. Finalment, wara li rat l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat qed jiġi ordnat iħallas is-somma ta' tliet mija u sittin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€360.44ċ)**

**rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-espert Jonathan Mizzi.**

**A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

(ft) Dr Simone Grech
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur